MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 293/2008

Bank of Valletta p.l.c. (C2833).

Vs

Ann Freeman (Id. 19946A)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u erbgha u tletin Ewro u tmenin centezmu (€1,634.80) ekwivalenti ghal Lm701.82, minghand il-konvenuta, rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' taghha stess mal-bank attrici, flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-25 ta' Marzu 2008, sal-jum tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 11 ta' Lulju 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma din il-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta’ elf, sitt mija u erbgha u tletin Ewro u tmenin centezmu (€1,634.80), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz, ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------